# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 3 ta' Lulju 2001**

**Numru : 24**
**Citaz. Numru : 1040/01/RCP**

**Salvatore D'Emanuele ezercjenti fil-kummerc bl-isem S & A D'Emanuele**

**vs**

**M.A. Supermarkets Limited**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur ippremetta:

Illi is-socjeta konvenuta tinsab d-debitrici tal-attur fis-somma ta' erbat elef sitt mija u erbatax-il Liri Maltin, sitta u sebghin centezmu (Lm4,614.76) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' materjal mibjugh u kkonsenjat mill-attur lis-

socjeta konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Illi meta interpellata, s-socjeta konvenuta ghaddiet diversi cekkijiet bhala hlas akkont, minn liema cekkijiet kien biss wiehed li gie onorat, filwaqt illi r-rimanenti cekkijiet gew *'referred to drawer'* u, minkejja wieghdiet li ser ihallsu dan l-ammont is-socjeta konvenuta baqghet ma hallsietx il-bilanc intier dovut minnha.

Illi, kif jirrizulta mill-Affidavit hawn anness bhala Dokument ‘A’, jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi, a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap 12) billi l-kreditu tas-socjeta attrici huwa cert, likwidu u skadut u l-attur ippresenta l-affidavit (Dok A) illi bih ikkonferma illi s-socjeta konvenuta ma ghandha l-ebda raguni jew eccezzjoni valida kontra t-talba tal-attur ghall-hlas tas-somma dovuta.

L-istess socjeta` attrici talbet ghalhekk, li s-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex dina l-Onorabbli Qorti, ghar-ragunijiet premessi u b'dispensa tas-smiegh tal-kawza a tenur tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap 12):

1. tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas s-somma ta' erbat elef sitt mija u erbatax-il Liri Maltin, sitta u sebghin centezmu (Lm4,614.76) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' materjal mibjugh u kkonsenjat mill-attur lis-socjeta konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta illi hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur u d-dokumenti l-ohra.

Rat li s-socjeta` konvenuta debitament notifikata fiz-zmien preskritt mill-ligi baqghet kontumaci u msejha tlett darbiet lanqas ma dehret.

Peress li fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fic-citazzjoni tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispens tas-smiegh tal-kawza, skond il-procedura tal-Artikolu 167 *et sequitur* tal-Kodici tal-Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tilqa' t-talba attrici** b'dan illi:

1. tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas s-somma ta' erbat elef sitt mija u erbatax-il Liri Maltin,

sitta u sebghin centezmu (Lm4,614.76) rappresentanti l-bilanc ta' somma akbar dovuta in rigward ta' materjal mibjugh u kkonsenjat mill-attur lis-socjeta konvenuta fuq istruzzjonijiet taghha u a beneficcju taghha.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-ahhar hlas sad-data tal-pagament effettiv, kontra s-socjeta konvenuta.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace. LL.D.**
**3 ta' Lulju, 2001**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur.**
**3 ta' Lulju, 2001**